# Liġi waħda tas-sigurtà soċjali



Minn MARK MUSÙ,
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

ILLUM se nissoktaw il-mixja tagħna fl-istorja tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. Ġimagħtejn ilu tajna ħarsa lejn l-iżviluppi importanti kien hemm fis-snin 50, u li wasslu għat-twelid tal-'welfare state' f'Malta. Rajna kif bla dubju ta' xejn, dan kien il-pedament ewlieni li fuqu nbena l-istat soċjali Malti li għen mhux ftit biex il-poplu tagħna joħroġ mill-faqar ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija u jgħolli l-livell tal-għixien tiegħu.

Ħmistax ilu konna tkellimna dwar id-diversi skemi, benefiċċji, għajnuniet u pensjonijiet li kienu introdotti bejn il-bidu tas-snin 50 u l-1979, is-sena li fiha kienet introdotta l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Illum se nkomplu din il-mixja storika billi nħarsu lejn żviluppi aktar riċenti fis-sigurtà soċjali f'pajjiżna, mill-bidu tas-snin 80 sal-1996. Bla dubju ta' xejn, l-aktar żvilupp importanti f'dan il-kuntest kien il-konsolidament tat-tliet Atti legali ewlenin f'liġi waħda, liema liġi daħlet fis-seħħ fl-1987.

**L-iżviluppi ewlenin tas-sigurta' soċjali f'Malta 1981-1996**

- **1981** – Introdott il-Benefiċċju għal Maternità'
- **1986** – L-Assistenza Soċjali estiża għal min jiehu ħsieb qarib ma jifilħx
- **1987** – Id-disposizzjonijiet legali kollha tas-sigurta' soċjali miġbura f'liġi waħda
- **1988** – Introdotta l-Allowance tat-Tfal b'diżabilità'
- **1988** – Introdotta l-Allowance ta' Ġenitur (tneħħiet fl-1996)
- **1989** – Introdott il-Bonus tal-Familja (tneħħa fl-1996)
- **1991** – Il-Pensjoni għal Romol estiża għal romol irġiel
- **1991** – Introdotta l-Allowance Supplimentari għal Orfni
- **1992** – Introdotta l-Pensjoni għal Wens
- **1996** – Riforma fl-Allowance tat-Tfal

## Benefiċċju għall-maternità

Fl-1981, kien introdott għall-ewwel darba l-Benefiċċju għall-Maternità. Dan il-benefiċċju kien pagabbli lin-nisa kollha li jilħqu t-tmien xahar tat-tqala, kemm-il darba dawn ma jkollhomx dritt għall-leave tal-maternità (taħt il-liġi tax-xogħol) għax ikunu qegħdin jaħdmu. Il-ħlas tal-benefiċċju kien ikopri 13-il ġimgħa – tmien ġimgħat qabel it-twelid tat-tarbija u ħamsa wara.

## Assistenza soċjali għal min jieħu ħsieb anzjani ma jifilħux

Fl-1986, kien introdott għall-ewwel darba l-kunċett ta' kumpens għal min jieħu ħsieb xi ħadd li għandu bżonn il-kura. F'Jannar ta' dik is-sena, id-disposizzjonijiet tal-Assistenza Soċjali kienu estiżi għal xebbiet jew romol li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb b'mod regolari lil xi qarib anzjan jew b'diżabilità, kemm-il darba dawn jissodisfaw test tal-mezzi u d-dħul finanzjarju tagħhom.

Bħala parentesi, nżid ngħid li dawn id-disposizzjonijiet kienu estiżi għal ġuvintur jew romol irġiel fl-2007. Dan sa ċertu punt juri x'bidla saret fis-soċjetà Maltija f'appena 20 sena. Fejn qabel, id-dmirijiet tal-kura tal-anzjani jew persuni b'diżabilità kienu jaqgħu esklussivament f'idejn in-nisa, dan ftit ftit beda jinbidel. Illum, għalkemm predominantament dawn id-dmirijiet għadhom f'idejn in-nisa, issib numru mhux żgħir ta' rġiel li jieħdu ħsieb qraba tagħhom anzjani jew b'diżabilità.

## Liġi waħda tas-sigurtà soċjali

Fil-ġimgħat li għaddew, konna tkellimna dwar il-liġijiet li ddaħħlu fl-1948 u l-1956. Fl-1948 kien iddaħħal l-Att dwar il-Pensjoni tal-Età waqt li fl-1956 kienu daħlu fis-seħħ żewġ Atti – l-Att dwar l-Assistenza Soċjali u l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Dawn it-tliet liġijiet baqgħu fis-seħħ sa Diċembru tal-1986 sakemm f'Jannar tal-1987 daħal fis-seħħ l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta).

Apparti mil-lat legali, dan iż-"żwieġ" fil-liġijiet kien importanti mil-lat amministrattiv ukoll. Dan minħabba li mit-13-il Taqsima li għandu l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, sitta minnhom (kważi nofshom) fihom dispożizzjonijiet ġenerali li ftit jew wisq japplikaw għall-amministrazzjoni tal-benefiċċji kollha. Filwaqt li dan bl-ebda mod ma jfisser li l-amministrazzjoni ta' din il-liġi hija faċli, ċertament li din hija eħfef milli kieku għandna tliet liġijiet.

Mil-lat leġislattiv dan ukoll iffaċilita x-xogħol għax it-tibdil kollu li sar, inkluż il-benefiċċji ġodda li ddaħħlu mill-1987 sal-lum, seta' jsir permezz ta' emendi legali f'liġi waħda, jew f'ċerti każi, permezz ta' avviżi legali taħt il-kappa tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Fil-fatt wara dan l-iżvilupp importanti, rajna diversi inizjattivi u miżuri soċjali li komplew saħħew l-istat soċjali Malti.

## Aktar benefiċċji ġodda

F'Jannar tal-1988 kienu daħlu fis-seħħ żewġ benefiċċji ġodda – l-Allowance tat-Tfal b'diżabilità u l-Allowance ta' Ġenitur. Kundizzjoni komuni f'dawn iż-żewġ benefiċċji kienet li biex xi ħadd ikun intitolat għalihom ried ikun jikkwalifika għall-Allowance tat-Tfal. Madankollu, waqt li fil-każ tal-Allowance tat-Tfal b'diżabilità, din kienet titħallas jekk naturalment it-tifel jew it-tifla tkun iċċertifikata li tbati minn diżabilità, fil-każ tal-Allowance ta' Ġenitur din kienet titħallas skont test tal-mezzi.

Fl-1989 kien introdott ukoll benefiċċju ieħor li kien f'forma ta' bonus għall-familja li kien jitħallas lil min kien jirċievi l-Allowance tat-Tfal. Dan il-benefiċċju kien intiż biex ikompli jwieżen lill-familji bit-tfal żgħar. Tajjeb li ngħidu li dan il-benefiċċju flimkien mal-Allowance ta' Ġenitur ma baqgħux jitħallsu meta kienet saret ir-riforma tal-Allowance tat-Tfal fl-1996.

Fl-1991, id-disposizzjonijiet legali tal-Pensjoni għal Romol kienu estiżi għal romol irġiel ukoll. Anke hawn, wieħed jinnota kemm is-soċjetà Maltija kienet qiegħda tinbidel – hawn wieħed irid iżomm f'rasu li l-pensjoni tar-romol titħallas skont il-kontribuzzjonijiet imħallsin u s-salarji li jkollu l-konjuġi mejjet.

Fejn qabel il-pensjoni tar-romol kienet titħallas lin-nisa biss (għax ftit jew xejn ma kont issib nisa miżżewġin li kienu jaħdmu u jkomplu jaħdmu wara li jiżżewġu) dan ftit ftit beda jinbidel u aktar nisa bdew jirritornaw jew jibqgħu fid-dinja tax-xogħol anke wara ż-żwieġ.

Fl-1991 ukoll kienet introdotta l-Allowance Supplimentari għal Orfni. Dan il-benefiċċju kien estensjoni tal-benefiċċju li kien diġà jeżisti għal orfni taħt is-16-il sena. Bil-benefiċċju l-ġdid bdew jibbenfikaw orfni li jagħlqu s-16-il sena imma mhux il-21 sena.

Sena wara, fl-1992, bdiet titħallas il-Pensjoni għall-Wens lil persuni mhux miżżewġin li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb lil xi ħadd mill-Ġenituri tagħhom li jkun rikoverat permenentament f'sodda jew f'siġġu tar-roti. Din il-pensjoni bdiet titħallas skont test tal-mezzi tal-persuna kuranti.

## Riforma fl-Allowance tat-Tfal

Fl-1996 kienet saret riforma filmod kif titħallas l-Allowance tat-Tfal. Filwaqt li mill-introduzzjoni tagħha fl-1974 din l-Allowance kienet titħallas, fil-bidu għall-ewwel tlett itfal u eventwalment lit-tfal kollha f'kull familja irrispettivament mid-dħul, fl-1996 l-Allowance tat-Tfal bidet titħallas skont test tal-mezzi tal-membri tal-familja.

B'din ir-riforma kien hemm familji (l-aktar dawk bi dħul baxx) li kienu ħadu żieda fir-rata mħallsa waqt li kien hemm oħrajn (l-aktar dawk bi dħul għoli) li jew kellhom tnaqqis fir-rata tagħhom jew ma baqgħux intitolati aktar. Fl-1996 iddaħħlet ukoll l-Allowance Supplimentari li kienet titħallas lil min ma jitħallasx l-Allowance tat-Tfal u li d-dħul tiegħu ma kienx jaqbeż ċertu livell. Il-mod kif dan il-benefiċċju kien jitħallas kien simili għall-mod kif titħallas l-Allowance tat-Tfal għalkemm ir-rata imħallsa kienet inqas.

Għal-lum nieqaf hawn. Ħmistax oħra nitkellem dwar l-iżviluppi riċenti, bejn it-tibdil li kien sar fl-1997 fil-mod kif pensjoni tas-servizz tiġi kkalkulata għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali u r-riforma tal-pensjonijiet għaxar snin wara.

● Issa ngħaddi għall-mistoqsijiet li rċevejt mingħand-kom il-qarrejja. George Micallef minn Ħal Qormi staqsa: "Jekk xi ħadd li twieled fl-1951 ikollu 40 sena kontribuzzjonijiet imħallsin, jista' jirtira?

Jekk ikun ħaddiem tal-Gvern u jkollu dritt għall-pensjoni tas-servizz mit-Teżor, jista' jitlaq mix-xogħol qabel iż-żmien u jieħu l-pensjoni tas-servizz sħiħa? Jekk iva, jrid jibqa' jħallas il-kontribuzzjonijiet?"

L-ewwelnett nirringrazzja lis-Sur Micallef għall-mistoqsijiet tiegħu. Għalkemm il-mistoqsijiet tiegħu jikkonċernaw kemm il-pensjoni tas-sigurtà soċjali kif ukoll dik tas-servizz (lill-ħaddiema tal-Gvern jirreferu għal din il-pensjoni fil-każ tagħhom bħala tat-Teżor) se nwieġbu fuq it-tnejn li huma, anke grazzi għall-għajnuna tad-Dipartiment tat-Teżor.

Fil-fatt tajjeb li wieħed jifhem li dawn huwa żewġ pensjonijiet separati u jitħallsu taħt liġijiet u kundizzjonijiet differenti.

Tajjeb li ngħid li xi ħadd li għandu dritt għall-pensjoni tas-servizz bħala ħaddiem tal-Gvern (għax kien impjegat regolari tal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar, 1979) jista' jirtira minn mal-Gvern malli jagħlaq 60 sena (dan ma japplikax għal min hu membru tal-korp tal-Pulizija, Forzi Armati jew Servizzi Korrettivi għax dawn għandhom kundizzjonijiet differenti).

Madankollu, biex ikun jista' jieħu l-pensjoni tat-Teżor sħiħa, jista' wkoll jirtira qabel jagħlaq 60 sena kemm-il darba ikollu 30 sena servizz, ma jkunx jiflaħ, u jiġi ċċertifikat (minn bord mediku appuntat apposta) li mhuwiex tajjeb biex jaqdi dmiru fil-kariga jew xogħol li għandu minħabba raġunijiet mediċi.

Jekk ikollu inqas minn 30 sena servizz jista' xorta jieħu l-pensjoni tat-Teżor skont il-kundizzjonijiet imsemmijin fuq, iżda b'rata li ma tkunx daqs dik li kieku jieħu jekk ikollu 30 sena servizz.

Dan li qed ngħid fuq japplika għall-pensjoni tat-Teżor. Fir-rigward tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, wieħed irid jiftakar li persuna li għandha pensjoni tas-servizz jista' jagħti l-każ li ma tkunx intitolata għall-pensjoni taż-żewġ terzi speċjalment jekk l-ammont tal-pensjoni tas-servizz ikun relattivament għoli.

Għalhekk, għalkemm fit-teorija wieħed jista' jirtira meta jrid, irid joqgħod attent li meta jagħmel dan ma jħallix perjodi ta' żmien mingħajr kontribuzzjonijiet għax dan jista' jwassal biex jieħu pensjoni b'rata inqas. Dan minħabba li f'dan il-każ ir-rata tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali tvarja skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin.

Għalhekk, f'każ bħal dan, il-pensjoni tas-sigurtà soċjali li titħallas tkun dik li kienet titħallas qabel iddaħħlet il-pensjoni taż-żewg terzi fl-1979. Iżda naturalment birrati tal-lum.

Fi kliem ieħor, il-pensjoni tas-sigurtà soċjali ta' xi ħadd li għandu pensjoni tas-servizz x'aktarx li tkun ibbażata fuq il-kontribuzzjonijiet li jkun ħallas mill-eta' ta' 19-il sena sas-sena ta' qabel ma jagħlaq l-età tal-irtirar.

Mela fil-każ ta' raġel li twieled fl-1951 u allura l-età tal-irtirar tiegħu hija 61 sena, jgħoddu l-kontribuzzjonijiet kollha mħallsin mill-1970 sal-2011.

Biex huwa jirċievi l-ogħla pensjoni possibbli fil-każ tiegħu, irid ikollu medja ta' mill-inqas 50 kontribuzzjoni (bolla) fis-sena f'dan il-perjodu kollu.

Issa li jiġri huwa li jekk din il-persuna tirtira qabel iż-żmien u ma taħdimx u allura ma tħallasx il-kontribuzzjonijiet sakemm tagħlaq 61 sena, se jkollha kontribuzzjonijiet neqsin minn meta tirtira sakemm tagħlaq il-61 sena.

Dan jista' jwassal biex din il-persuna ikollha medja ta' kontribuzzjonijiet ta' inqas minn 50 (per eżempju 49) u allura tieħu pensjoni tas-sigurtà soċjali b'rata inqas milli kieku tieħu, kieku l-medja ta' kontribuzzjonijiet tkun 50 jew aktar.

F'dan il-kuntest, jekk xi ħadd jirtira qabel iż-żmien minħabba mard jew inkapaċità għax-xogħol, u jissottometti ċ-ċertifikati tal-mard kull ġimgħa (allura jkun qiegħed jagħmel talba għall-Benefiċċju għall-Mard) u kemm-il darba il-bord mediku tas-sigurtà soċjali jiċċertifikah li mhuwiex tajjeb għax-xogħol, il-perjodu li dan ikun iċċertifikat li mhuwiex tajjeb għax xogħol ikun kopert b'kontribuzzjonijiet akkreditati. Fi kliem ieħor, dan il-perjodu jkun kopert daqs li kieku l-persuna ħallset il-kontribuzzjonijiet.

Dan japplika wkoll għal persuna li tkun applikat għal, u tibda tingħata, il-Pensjoni għall-Invalidità, naturalment jekk il-bord mediku tas-sigurtà soċjali jsibha li mhijiex tajba għal ebda xogħol għal żmien definit.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont, A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz **ittri@unionprint.com.mt**. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

*IMPORTANTI: L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt **www.msp.gov.mt**, tibgħat imejl fl-indirizz **social.security@gov.mt**, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru 159.*